MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1440/1997/1

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Martin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) in kwantu ghas-somma ta' mitejn u sittax il-lira Maltin(Lm216) prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata, u in kwantu ghas-somma ta' erbatax il-lira (Lm14) bhala imghaxijiet legali dovuti fuq l-istess oltre dawk ulterjuri mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut u li biha eccepixxa (fol 5 tal-atti):

1. Illi it-talba kif dedotta fl-avviz hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-microwave mibjugh lill-konvenut ma kienx tal-kwalita patwita.

2. Illi fit-tieni lok, l-oggett mibjugh rega' gie ikkonsenjat lura lis-socjeta attrici u ghalhekk ma ghadux fil-pussess tal-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Avukat Difensur tas-socjeta attrici.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tas-socjeta' attrici gie prodott <u>Luciano Martinelli</u> (fol 8 sa fol 11 tal-atti) li spjega, in rigward l-amont pretiz mis-socjeta attrici fl-avviz in esami, illi din kienet bieghet lill-konvenut, forn 'microwave' matul April 1994 u dan flimkien ma microwave kit'. Pero dan tal-ahhar ma kienx gie konsenjat meta saret il-'konsenja' immedjata tal-istess forn. Ghalhekk meta kien effettivament wasal l-istess 'kit', il-konvenut gie informat izda 'ma kellna ebda twegiba'. Sussegwentement matul l-1996, il-konvenut kien mar fl-ufficju tal-istess xhud f'okkazjoni wahda akkumpanjat wkoll minn martu u l-istess konvenut matul Gunju tal-1996 kien irritorna lura l-istess forn peress li ma kienx gie konsenjat il-'kit' imsemmi waqt li lmenta ukoll li l-istess forn kien 'shop soiled'. Ix-xhud dwar dan enfasizza li 'ufficjalment' l-istess forn ma kienx gie accettat lura mis-socjeta attrici izda l-konvenut kien hallieh fl-istess ufficju. Ix-xhud semma', ukoll, li l-forn gja konsenjat lill-konvenut seta' jiffunzjona xorta wahda minghajr il-'kit', liema 'kit', li ma kienx disponibbli fil-bidu, kien wasal u l-konvenut seta' jiehdu. Pero l-konvenut kien informah li xtara forn iehor minghand stabbilment iehor. Fl-ahharnett l-istess xhud semma li l-konvenut kien hallas biss Lm10, bhala depisitu,

waqt li l-bilanc tal-prezz kellu jithallas mal-konsenja liema pagament ma kienx sar u in rigward dan esebixxa fotokopja tal-ordni relattiva (fol 18 ibid) minn fejn jidher dak li ghadu kemm intqal kif ukoll li l-konvenut kien ighata skond ta' Lm84 (ara ukoll il-kopja ta' ittra registrata bid-data tal-11 ta' Gunju 1996 a fol 12 ibid).

Ikkunsidrat

Illi meta xehed il-konvenut (fol 19 et seq ibid) dan wara li rreferea ghad-dewmien li kien hemm fil-konsenja tal-istess forn minhabba li ma kienx 'in stock' kien gie informat li klijent iehor kien ikkancella ordni maghmula in rigward forn tal-istess tip u kien minhabba hekk li seta' jigi konsenjat dan.  Meta saret il-konsenja minghajr xejn nieqes hlief il-kit imsemmi hu ra li kien hemm 'salt trab' li skond hu kien jindika li kien 'shop soiled'.  Difatt mart il-konvenut, Sapienza, kienet irrifjutat, minhabba dan il-fatt, li thallas il-bilanc tal-prezz mal-konsenja, kif kien miftiehem.  Inoltre, meta gie komunikat mal-kurrent eletriku, l-istess forn ma kien qed jiffunzjoni.  Ghalhekk l-istess konvenut kien ghamel telefonata lis-socjeta attrici fejn din giet infurmata 'li ma riedniehx'.  Wara li ghadda u skada certu perjodu ta' zmien, qabel jew wara li kien irceva ittra sabiex jhallas u ghalhekk l-isess forn kien gie konsenjat lura lis-socjeta attrici, li nzamm minnha waqt li l-istess konvenut kien informaha li kien dispost li jitlef id-depositu ta' Lm10 gja mhallas. (ara ukoll ix-xhieda ta' Sapienza Spiteri, mart il-konvenut a fol 29 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi dwar il-premess ghandu jinghad li l-konvenut kellu rimedju skond il-ligi disponibbli ghalih, liema rimedju pero' ma esercitahomx.  Dawn, principalment, jikkonsistu f'dak li jistipula l-Kodici Civili fl-artikolu 1068 , 1385, 1390 u 1424 sa 1432 minghajr esklusjoni ta' ohrajn applikabbli.  Dawn ir-rimedji, pero', ma jistghux jinghataw 'per eccezione' izda ghandhom jintalbu permezz tal-apposta azzjoni skond u a basi ta' il-precitati artikoli.  Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut ma hiex accettabbli u ma tistax tigi akkolta.

Illi, pero', ghandu jinghad li:-

a) Meta sar dan il-bejgh, kien sar 'depositu ta' Lm10. Fil-fehma tal-Qorti, kif jidher fil-maggor parti ta' obligazzjonijiet bhal dawk in esami, tali depositu jammonta ghal kappara skond l-artikolu 1359 tal-Kodici Civili li jirregola 'promise to sell with concent'' u dan jaghti l-jedd lix-xerrej li jitlef l-istess depositu u b'hekk jkun jista' jxolji dan il-bejgh. Filfatt, f'dan il-kaz, jidher l-konvenut, avolja kien ghadda certu perijodu ta' zmien, kien irritorna l-istess forn lura lis-socjeta attrici li da parti taghha zammitu fil-pussess taghha. Dan fl-opinjoni tal-Qorti, jammonta ghal accettazzjoni ta' xoljiment tal-bejgh in kwistjoni da parti tal-istess socjeta attrici.

b) Ma jistax ma jinghadx 'obiter' li s-socjeta attrici ma agixxietx kif suppost fir-relazzjoni taghha mal-konvenut, liema fatt jidher car mill-fatti kif esposti. Dan fil-fatt hu kaz tipiku ta' kif jigi trattat hazin, konsumatur li jkun xtara oggett izda jinghata servizz altament hazin da parti tal-venditur.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------